*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,521, 13 ta' Novembru, 2020*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru LI tal-2020**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, Kap. 79.**

**ACT No. LI of 2020**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Commissioners for Oaths Ordinance, Cap. 79.**

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

**(L.S.)** **GEORGE VELLA**
**President**

13 ta' Novembru, 2020

## ATT Nru LI tal-2020

*ATT biex jemenda l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, Kap. 79.*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2020 li jemenda l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu Ġurament, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza prinċipali". Kap. 79.

Emenda tal-artikolu 3 tal-Ordinanza prinċipali.

**2.** L-artikolu 3 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tagħha, minnufih wara l-kliem "li jkunu uffiċjali pubbliċi," għandhom jiżdiedu l-kliem "impjegati pubbliċi,"; u

(b) fis-subartikolu (3) tagħha, minnufih wara l-kliem "uffiċjal pubbliku" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew impjegat pubbliku".

A 1008

Emenda tal-artikolu 5 tal-Ordinanza prinċipali.

**3.** Minnufih wara s-subartikolu (2) tal-artikolu 5 tal-Ordinanza prinċipali għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Fil-każ eċċezzjonali fejn il-persuna li tkun qiegħda tieħu l-ġurament ma tistax tkun Malta minħabba raġunijiet li dik il-persuna ma għandhiex kontroll fuqhom, il-Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġuramenti jista' jagħti l-ġurament bil-mezzi elettroniċi u l-Kummissjunarju b'setgħa li jagħti ġuramenti għandu, qabel jagħti l-ġurament, jissodisfa ruħu bl-użu ta' mezzi elettroniċi u viżivi mill-identità tal-persuna li qiegħda tieħu l-ġurament u li dik il-persuna tifhem sewwa dak li tkun ser taħlef.".

Emenda tal-artikolu 7 tal-Ordinanza prinċipali.

**4.** Fl-artikolu 7 tal-Ordinanza prinċipali, il-kliem "jew l-*affidavit* ikun sar." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jew l-*affidavit* ikun sar:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull Kummissjunarju li quddiemu jiġi meħud ġurament skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 5 għandu jiddikjara sewwa fil-*jurat* jew fl-attestat il-lok u d-data li fihom il-ġurament ikun ġie meħud u li l-ġurament ġie meħud bil-mezzi elettroniċi.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 398 tal-10 ta' Novembru, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*